MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' Novembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru 623/2020 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Sarah Zammit**
**(ID: 63891M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Sarah Zammit li ġiet akkużata:

1. Talli fit-12 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' bejn it-19:40hrs u t-19:50hrs ta' filgħaxija ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' "Ta' Xmun Confectionery" sitwat ġewwa Triq Guże' Orlando, Birkirkara, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta' Ronald Borg u Diane Abela u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli nhar it-12 ta' Novembru, 2020 għall-ħabta ta' bejn is-19:17hrs u 19:18hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' "The Convenience Shop" li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, bil-ħsieb li tisraq mill-istess ħanut, tat bidu għall-eżekuzzjoni ta' serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta’ Jennifer Agius u/jew tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli nhar l-14 ta’ Novembru għall-ħabta ta’ bejn l-21:40hrs u l-21:50hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ “The Convenience Shop” li jinsab fi Triq il-Wied ġewwa Balzan, bil-ħsieb li tisraq mill-istess ħanut, tat bidu għall-eżekuzzjoni ta’ serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin, għad-dannu ta’ Ishaq Khalid u Brual Braxton Catungal u/jew tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok, u ċirkostanzi, irrendiet ruħha riċediva ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurtà ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha żmien tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u spjegatilha l-piena relattiva;

Semgħet lill-imputata tixhed bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi li l-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti u semgħet lill-imputata bil-ġurament, tqis li dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħda tinstab ħatja l-imputata, l-involviment tagħha fl-istess reati, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputata ammettiet il-ħtija tagħha u offriet li tagħti x-xhieda

tagħha bil-ġurament, mil-liema xhieda ħarġu fatti importanti għall-prosekuzzjoni kontra terzi persuni.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputata għandha problema tal-vizzju tad-droga u li taqbel mad-difiża li għandha tiġi trattata b'sentenza sospiża b'dana illi tkun superviżjonata minn uffiċjal tal-Probation.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, għalkemm f'ċirkostanzi simili huwa solitu li tinfliġġi piena ta' priġunerija effettiva, tqis illi f'dan il-każ għandha tapplika piena ta' priġunerija sospiża sabiex l-imputata tingħata l-aħħar ċans jekk verament trid ittejjeb ħajjitha. L-imputata però għandha tifhem li jekk hi ma tgħinx ruħha, allura ma tistax tistenna iktar klemenza minn dawn il-Qrati li għamlu minn kollox biex jgħinuha.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 41 (1) (a), 261 (b) (c) (f), 263 (b), 267, 270, 274 (c),277 (b), 278 (2), 279(a), 280 (2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputata **Sarah Zammit** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mil-lum.

In oltre, il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 28G (1) il-ħatja titqiegħed taħt ordni ta' superviżjoni għal żmien sentejn (2) u dana skont id-direttivi msemmija fl-anness digriet li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation sabiex isegwi lill-ħatja u jindirizzaha fi kwalunkwe programm li minnu tista' tibbenefika biex toħroġ mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħatja dwar il-konsegwenzi jekk hija tikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin mil-lum jew jekk ma toqgħodx għad-direttivi tal-Uffiċjal tal-Probation skont l-Ordni ta' Superviżjoni hawn annessa.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur